KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 18.11.2004
KUMM(2004) 754 finali

2004/0266 (AVC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, biex tittieħed in konsiderazzjoni s-sħubija tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika tas-Slovakkja fl-Unjoni Ewropea

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, biex tittieħed in konsiderazzjoni s-sħubija tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika tas-Slovakkja fl-Unjoni Ewropea

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skond l-Artikolu 6(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ma' l-UE ta' l-Istati Membri ġodda ta' l-UE, is-sħubija ta' l-Istati Membri ġodda ta' l-UE mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju għandu jiġi miftiehem permezz ta' protokoll għal dan il-Ftehim. L-istess artikolu jaħseb għal proċedura simplifikata, li biha l-protokoll għandu jiġi konkluż mill-Kunsill, waqt li jaġixxi b'mod unanimu f'isem l-Istati Membri, u mill-pajjiż terz ikkonċernat. Din il-proċedura hija bla ħsara għall-kompetenzi tal-Komunità stess.

Fl-10 ta' Frar 2004, il-Kunsill approva mandat biex il-Kummissjoni tkun tista' tinnegozja dan il-Protokoll ma' l-Istat ta' Iżrael. Minn dakinhar 'l hawn dawn in-negozjati tlestew għas-sodisfazzjon tal-Kummissjoni. It-test tal-Protokoll kien inizjalat mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet Iżraeljani fid-29 ta' April 2004 u emendat fid-19 ta' Mejju 2004 fi Brusselll.

Il-proposti mehmuża huma għal (1) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll u (2) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll.

Qiegħed jiġi mehmuż hawnhekk it-test tal-protokoll innegozjat ma' Iżrael. L-aspetti l-aktar importanti tal-protokoll huma li jipprovdi għall-adeżjoni ta' l-Istati Membri ġodda mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u Iżrael, l-adattament tal-Protokoll għall-prodotti agrikoli u l-inklużjoni ta' l-ilsna uffiċjali ġodda ta' l-UE.

Il-Kummissjoni titlob ġentilment lill-Kunsill sabiex japprova l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill mehmuża għall-iffirmar u l-konklużjoni tal-Protokoll.

Il-Parlament Ewropew qed jiġi msejjaħ sabiex juri l-qbil tiegħu għal dan il-Protokoll.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, biex tittieħed in konsiderazzjoni s-sħubija tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika tas-Slovakkja fl-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310 flimkien ma' l-Artikoli 300(2) u 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-Istati Membri ġodda ma' l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[1],

Billi:

(1) Fl-10 ta' Frar il-Kunsill awtorizza l-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, li tiftaħ negozjati ma' Iżrael bl-għan li jkun aġġustat il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, biex jikkunsidraw l-adeżjoni ta' l-Istati Membri ġodda ma' l-UE.

(2) Dawn in-negozjati ġew konklużi għas-sodisfazzjon tal-Kummissjoni.

(3) Fl-Artikolu 13 it-test tal-Protokoll innegozjat ma' l-Istat ta' Iżrael jaħseb għall-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu.

(4) Suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard, il-Protokoll għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunità u applikat provviżorjament,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

[1] ĠU C […], […], p. […].

Artikolu 1

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna/i li tkun/ikunu awtorizzata/i li tiffirma/jiffirmaw, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, biex jikkunsidraw is-sħubija tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja, u tar-Repubblika tas-Slovakkja fl-Unjoni Ewropea. It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha b'dan jaqblu li japplikaw b'mod provviżorju l-kondizzjonijiet tal-Protokoll, suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard.

Magħmula fi Brussel, […]

Għall-Kunsill
Il-President

2004/0266 (AVC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, biex tittieħed in konsiderazzjoni s-sħubija tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika tas-Slovakkja fl-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310 flimkien ma' l-Artikoli 300(2) u 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-Istati Membri ġodda ma' l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[2],

Wara li kkunsidra l-kunsens mogħti mill-Parlament Ewropew[3],

Billi:

(1) Il-Protokoll tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, kien ġie ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fi [….].

(2) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdieni

Il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, biex tittieħed in konsiderazzjoni s-sħubija tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja, u tar-Repubblika tas-Slovakkja fl-Unjoni Ewropea, huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha. It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

---

2 ĠU C […], […], p. […].
3 ĠU C […], […], p. […].

Magħmula fi Brussel, […]

Għall-Kunsill
Il-President

Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju

bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, biex tittieħed in konsiderazzjoni s-sħubija tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja, u tar-Repubblika tas-Slovakkja fl-Unjoni Ewropea

Ir-Renju tal-Belġju,

Ir-Repubblika Ċeka,

Ir-Renju tad-Danimarka,

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja,

Ir-Repubblika ta' l-Estonja,

Ir-Repubblika Ellenika,

Ir-Renju ta' Spanja,

Ir-Repubblika Franċiża,

l-Irlanda,

ir-Repubblika Taljana,

ir-Repubblika ta' Ċipru,

ir-Repubblika tal-Latvja,

ir-Repubblika tal-Litwanja,

il-Gran Dukat tal-Lussemburgu,

ir-Repubblika ta' l-Ungerija,

ir-Repubblika ta' Malta,

ir-Renju tal-Pajjiżi Baxxi,

ir-Repubblika ta' l-Awstrija,

ir-Repubblika tal-Polonja,

ir-Repubblika Portugiża,

ir-Repubblika tas-Slovenja,

ir-Repubblika Slovakka,

ir-Repubblika tal-Finlandja,

ir-Renju ta' l-Isvezja,

ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq,

(minn issa 'il quddiem imsejħa "Stati Membri"),

irrappreżentati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, u

il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

(minn issa 'il quddiem imsejħa "il-Komunitajiet"),

irrappreżentati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

u l-Kummissjoni Ewropea

minn naħa waħda

u l-Istat ta' Iżrael

min-naħa l-oħra

BILLI il-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Ewro-Mediterranju", kien ġie ffirmat fi Brussell fl-20 ta' Novembru 1995 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2000;

BILLI t-Trattat dwar is-sħubija tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja, u tar-Repubblika tas-Slovakkja fl-Unjoni Ewropea u l-Att ta' l-Adeżjoni tagħha kien ġie ffirmat fis-16 ta' April 2003;

BILLI, skond l-Artikolu 6(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, l-adeżjoni tal-Partijiet Kontraenti ġodda mal-Ftehim Ewro-Mediterranju trid tiġi miftiehma permezz tal-konklużjoni ta' protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju;

BILLI saru konsultazzjonijiet skond l-Artikolu 21 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju sabiex jiġi żgurat li l-interessi reċiproċi tal-Komunità u ta' Iżrael ikunu ġew ikkunsidrati,

FTEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika tas-Slovakkja, minn hawn 'il quddiem "l-Istati Membri ġodda" b'dan isiru partijiet kontraenti tal-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra u għandhom jadottaw u jieħdu nota rispettivament, bl-istess

mod bħall-Istati Membri l-oħra tal-Komunità, tat-testi tal-Ftehim, kif ukoll tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti, id-Dikjarazzjonijiet u l-Iskambji ta' Ittri.

Artikolu 2

Il-Partijiet jaqblu li biex jikkunsidraw l-iżviluppi istituzzjonali reċenti fi ħdan l-Unjoni Ewropea, wara l-iskadenza tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-Ftehim li jirreferu għall-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar għandhom jitqiesu li jirreferu għall-Komunità Ewropea, li assumiet id-drittijiet u l-obbligi kollha li lejhom kienet obbligat ruħha l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

L-EWWEL KAPITOLU: EMENDI GĦAT-TEST TAL-FTEHIM EWRO-MEDITERRANJU INKLUŻI L-ANNESSI U L-PROTOKOLLI TIEGĦU

Artikolu 3 (Prodotti agrikoli)

Il-Protokolli Nru 1 u 2 tal-Ftehim jinbidlu bil-Protokolli Nru 1 u 2 ta' dan il-Protokoll u l-Annessi tagħhom.

Artikolu 4 (Prodotti agrikoli pproċessati)

It-Tabella 2 ta' l-Anness VI tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, li tistabbilixxi l-konċessjonijiet dwar it-tariffi fuq l-importazzjoni ġewwa Iżrael ta' oġġetti li joriġinaw mill-Komunità, tiġi kkumplimentata b'konċessjoni addizzjonali fuq it-tariffi, kif imfisser hawn taħt:

Kodiċi NM	**Deskrizzjoni**	**Kwota Annwali (tunnellati metriċi)**	**Konċessjoni fil-limiti tal-kwota**
2005 20 10	-Patata mħejjija u ppriservata b'mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżata, f'għamla ta' dqiq, qamħ mitħun oħxon jew biċċiet irqaq	30	Tnaqqis ta' 20% tar-rata tad-dazju MFN ta' Iżrael

Artikolu 5 (Regoli ta' l-oriġini)

Il-Protokoll 4 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu (4) jinbidel b'dan li ġej:

"Ċertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġa b'mod retrospettiv għandhom jiġu ċċertifikati b'waħda mill-frażijiet li ġejjin:

ES "EXPEDIDO A POSTERIORI"

CS "VYSTAVENO DODATEČNĚ"

DA "UDSTEDT EFTERFØLGENDE"

DE "NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT"

ET "VÄLJA ANTUD TAGASIULATUVALT"

EL "ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ"

EN "ISSUED RETROSPECTIVELY"

FR "DÉLIVRÉ A POSTERIORI"

IT "RILASCIATO A POSTERIORI"

LV "IZSNIEGTS RETROSPEKTĪVI"

LT "RETROSPEKTYVUSIS IŠDAVIMAS"

HU "KIADVA VISSZAMENŐLEGES HATÁLLYAL"

MT "MAĦRUĠ RETROSPETTIVAMENT"

NL "AFGEGEVEN A POSTERIORI"

PL "WYSTAWIONE RETROSPEKTYWNIE"

PT "EMITIDO A POSTERIORI"

SL "IZDANO NAKNADNO"

SK "VYDANÉ DODATOČNE"

FI "ANNETTU JÄLKIKÄTEEN"

SV "UTFÄRDAT I EFTERHAND"

HE "אישור בדיעבד". "

2. L-Artikolu (2) jinbidel b'dan li ġej:

"Id-duplikat maħruġ b'dan il-mod għandu jiġi ċċertifikati b'waħda mill-kliem li ġejjin:

ES "DUPLICADO"

CS "DUPLIKÁT"

DA "DUPLIKAT"

DE "DUPLIKAT"

ET "DUPLIKAAT"

EL "ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ"

EN "DUPLICATE"

FR "DUPLICATA"

IT "DUPLICATO"

LV "DUBLIKĀTS"

LT "DUBLIKATAS"

HU "MÁSODLAT"

MT "DUPLIKAT"

NL "DUPLICAAT"

PL "DUPLIKAT"

PT "SEGUNDA VIA"

SL "DVOJNIK"

SK "DUPLIKÁT"

FI "KAKSOISKAPPALE"

SV "DUPLIKAT"

HE "העתק"

Artikolu 6 (Il-Presidenza tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni)

Artikolu 71 (3) huwa emendat kif ġej:

'Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jkun ippresedut darba minn rappreżentant tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u d-darba ta' wara minn rappreżentant tal-Gvern ta' l-Istat ta' Iżrael.

KAPITOLU TNEJN : DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI

Artikolu 7 (Provi ta' l-oriġini u kooperazzjoni amministrattiva)

1. Provi ta' l-oriġini maħruġa kif jixraq jew minn Iżrael jew minn Stat Membru ġdid taħt ftehim preferenzjali jew arranġamenti awtonomi mħaddma bejniethom għandhom jiġu aċċettati fil-pajjiżi rispettivi taħt dan il-Portokoll, bil-kondizzjoni li:

   (a) l-akkwist ta' din l-oriġini jagħti trattament preferenzjali għat-tariffi skond il-miżuri preferenzjali tat-tariffi li jinsabu f'dan il-Ftehim;

   (b) il-prova ta' l-oriġini u d-dokumenti ta' trasport ikunu nħarġu mhux aktar tard mill-ġurnata ta' qabel id-data ta' l-adeżjoni;

   (ċ) il-prova ta' l-oriġini tkun mibgħuta lill-awtoritajiet tad-dwana f'perijodu ta' żmien ta' erba' xhur mid-data ta' l-adeżjoni.

Fejn oġġetti jkunu ġew iddikjarati għall-importazzjoni jew f'Iżrael jew fi Stat Membru ġdid, qabel id-data ta' l-adeżjoni, taħt ftehim preferenzjali jew arranġamenti awtonomi mħaddma bejn Iżrael u dak l-Istat Membru dak iż-żmien, tista' tkun aċċettata prova ta' l-oriġini b'mod retrospettiv taħt dawk il-ftehim jew arranġamenti bil-kondizzjoni li jkunu mibgħuta lill-awtoritajiet tad-dwana fi żmien erba' xhur mid-data ta' l-adeżjoni.

2. Iżrael u l-Istati Membri ġodda huma awtorizzati li jżommu l-awtorizzazzjonijiet li permezz tagħhom ikun ingħata l-istatus ta' "esportaturi approvati" taħt arranġamenti preferenzjali jew arranġamenti awtonomi applikati bejniethom, bil-kondizzjoni li:

   (a) din id-disposizzjoni hija wkoll prevista fil-ftehim konkluż qabel id-data ta' l-adeżjoni bejn Iżrael u l-Komunità; u

   (b) l-esportatur approvat japplika r-regoli ta' l-oriġini li jkunu fis-seħħ taħt dak il-ftehim.

   Dawn l-awtorizzazzjonijiet iridu jinbidlu mhux aktar tard minn sena wara d-data ta' l-adeżjoni, b'awtorizzazzjonijiet ġodda maħruġa taħt il-kondizzjonijiet tal-Ftehim.

3. Talbiet għal verifika sussegwenti tal-prova ta' l-oriġini maħruġa taħt il-ftehim preferenzjali jew arranġamenti awtonomi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu aċċettati jew mill-awtoritajiet doganali kompetenti ta' Iżrael jew minn dawk ta' l-Istati Membri għall-perijodu ta' tliet snin wara l-ħruġ tal-prova ta' l-oriġini kkonċernata u jistgħu jsiru minn dawk l-awtoritajiet għal perijodu ta' tliet snin wara l-aċċettazzjoni tal-prova ta' l-oriġini mibgħuta lill dawk l-awtoritajiet bħala sostenn għad-dikjarazzjoni ta' l-importazzjoni.

Artikolu 8 (Oġġetti li qed jinġarru)

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jistgħu jiġu applikati għal oġġetti esportati jew minn Iżrael lil wieħed mill-Istati Membri ġodda jew minn wieħed mill-Istati Membri ġodda lejn Iżrael, li jħarsu d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 4 u li, fid-data ta' l-adeżjoni jkunu jew fir-rotta jew f'ħażna temporanja, f'maħżen doganali jew f'żona ta' mingħajr dazju f'Iżrael jew f'dak l-Istat Membru l-ġdid.

2. Jista' jingħata trattament preferenzjali f'każi bħal dawn, suġġett għall-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li qed jimporta, fi żmien erba' xhur mid-data ta' l-adeżjoni, ta' prova ta' l-oriġini maħruġa b'mod retrospettiv mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li qed jesporta.

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 9

Permezz ta' dan il-Protokoll qed jiġi miftiehem li ebda pretensjoni, talba jew referenza ma tista' tiġi sottomessa u lanqas ma tista' tiġi modifikata jew irtirata xi konċessjoni skond l-Artikoli XXIV.6 u XXVIII tal-GATT 1994 fir-rigward ta' dan it-tkabbir tal-Komunità.

Artikolu 10

Għas-sena 2004, il-volumi tal-kwoti tariffarji ġodda u ż-żidiet fil-volumi tal-kwoti tariffarji eżistenti għandhom jiġu kkalkulati fuq bażi pro-rata tal-volumi bażiċi, filwaqt li tkun ikkunsidrata l-parti tal-perijodu li tkun skadiet qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 11

Dan il-Protokoll għandu jagħmel parti integrali mill-Ftehim Ewro-Mediterranju. L-Annessi u d-dikjarazzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom jagħmlu parti integrali minnu.

Artikolu 12

1. Dan il-Protokoll għandu jkun approvat mill-Komunitajiet, mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea f'isem l-Istati Membri u mill-Istat ta' Iżrael skond il-proċeduri tagħhom stess.

2. Il-Partijiet għandhom javżaw lil xulxin bit-temma tal-proċeduri korrispondenti msemmija fil-paragrafu ta' qabel. L-istrumenti għall-approvazzjoni għandhom jiġu ddepożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 13

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-istess ġurnata tat-Trattat ta' l-Adeżjoni bil-kondizzjoni li l-istrumenti ta' approvazzjoni ta' dan il-Protokoll ikunu ġew iddepożitati qabel dik id-data.

2. Jekk ma jkunux ġew iddepożitati l-istrumenti ta' approvazzjoni kollha ta' dan il-Protokoll qabel dik id-data, dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata ta' l-ewwel xahar wara d-data li jkun ġie ddepożitat l-aħħar strument ta' approvazzjoni.

3. Fejn ma tiġix issodisfata l-kondizzjoni stipulata fil-paragrafu 1, dan il-Protokoll għandu jgħodd b'mod provviżorju b'effett mill-1 ta' Mejju 2004.

Artikolu 14

Dan il-Protokoll huwa magħmul f'żewġ kopji fl-ilsna Ċek, Daniż, Olandiż, Ingliż, Estonjan, Finlandiż, Ġermaniż, Grieg, Ungeriż, Taljan, Latvjan, Litwan, Malti, Portugiż, Slovakk, Sloven, Spanjol, Svediż u Lhudi, kull wieħed minn dawn it-testi huwa awtentiku bl-istess mod.

Artikolu 15

It-test tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, inklużi l-Annessi u l-Protokolli li jagħmlu parti integrali minnu, u l-Att Finali flimkien mad-dikjarazzjonijiet mehmuża miegħu għandhom ikunu

magħmula fl-ilsna Ċek, Estonjan, Ungeriż, Latvjan, Litwan, Malti, Pollakk, Slovakk u Sloven u dawn it-testi għandhom ikunu awtentiċi bħat-testi oriġinali. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu japprova dawn it-testi.

GĦALL-ISTATI MEMBRI

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA

GĦALL-ISTAT TA' IŻRAEL

ANNESS I

Protokoll Nru 1

dwar l-arranġamenti li japplikaw għall-importazzjoni ġewwa l-Komunità ta' prodotti agrikoli li joriġinaw minn Iżrael

1. Il-prodotti mniżżla fl-Anness, li joriġinaw minn Iżrael għandhom jitħallew ikunu importati ġewwa l-Komunità, skond il-kondizzjonijiet li jinsabu hawn taħt u fl-Anness.

2. a) Dazji doganali jiġu eliminati jew imnaqqsa kif indikat fil-kolonna "a".

   b) Għal ċerti prodotti, li għalihom it-Tariffa Doganali Komuni tipprevedi l-applikazzjoni ta' dazju *ad valorem* u dazju speċifiku, ir-rati ta' tnaqqis, murija fil-kolonni "a" u "ċ", japplikaw biss għad-dazju *ad valorem*. Madankollu, għall-prodotti li jikkorrispondu għall-Kodiċi 0105 12 00, 0207, 0404 10, 0407 00, 0709 90 60, 2204 21 u 2209, it-tnaqqis fid-dazju japplika ukoll għad-dazju speċifiku.

   ċ) Għal ċerti prodotti, id-dazji doganali jiġu eliminati fil-limitu tal-kwoti tat-tariffi mniżżlin fil-kolonna "b" għal kull wieħed minnhom. Dawn il-kwoti tat-tariffi għandhom ikunu applikati fuq bażi ta' kull sena mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

   d) Għal dawk il-kwantitajiet li jkunu importati aktar mill-kwoti, id-dazji doganali komuni jiġu applikati, skond il-prodott ikkonċernat, sħaħ jew imnaqqsa, kif muri fil-kolonna "ċ".

3. Għal ċerti prodotti, l-eżenzjoni tad-dazji doganali tkun mogħtija fil-qafas tal-kwantitajiet ta' referenza skond kif murija fil-kolonna "d".

   Jekk il-volum ta' l-importazzjoni ta' wieħed minn dawn il-prodotti jeċċedi l-kwantità ta' referenza, il-Komunità, wara li tikkunsidra r-reviżjoni ta' kull sena ta' l-iżvilupp tal-kummerċ li hija tkun wettqet, tista' tqiegħed il-prodott ikkonċernat suġġett għal kwota tat-tariffi tal-Komunità, li l-volum tagħha jrid ikun daqs il-kwantità ta' referenza. F'dak il-każ, għall-kwantitajiet importati b'eċċess għall-kwota, id-dazju doganali komuni jkun applikat, skond il-prodott ikkonċernat, b'mod sħiħ jew imnaqqas kif muri fil-kolonna "ċ".

4. Kif muri fil-kolonna "e", għal ċerti prodotti, li għalihom ma tkunx iffissata la kwota u lanqas kwantità ta' referenza, il-Komunità tista' tiffissa kwantità ta' referenza kif previst fil-punt 3 jekk, fid-dawl tar-reviżjoni ta' kull sena ta' l-iżvilupp tal-kummerċ li hija twettaq, tistabbilixxi li l-volum ta' l-importazzjoni ta' prodott jew prodotti jkun ta' theddida li jista' joħloq diffikultajiet fis-suq tal-Komunità. Jekk sussegwentement, il-prodott ikun suġġett għal kwota tat-tariffi taħt il-kondizzjonijiet stipulati fil-punt 3, għal kwantitajiet importati b'eċċess għall-kwota, id-dazju doganali jkun applikat, skond il-prodott ikkonċernat, b'mod sħiħ jew imnaqqas, kif muri fil-kolonna "ċ".

5. Għall-ewwel sena ta' applikazzjoni, il-volumi tal-kwoti tat-tariffi u l-kwantitajiet tar-referenzi għandhom ikunu kkalkulati bħala pro-rata tal-volumi bażiċi, filwaqt li tkun ikkunsidrata l-parti tal-perijodu li tkun għaddiet qabel l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll.

6. Għall-prodotti kollha mniżżla fl-Anness, il-kwota tat-tariffi u l-volumi tal-kwantità tar-referenzi jiġu miżjuda mill-1 ta' Jannar 2004 sa l-1 Jannar 2007, b'erba' rati indaqs, kull waħda tikkorrispondi għal 3% ta' dawn il-volumi.

ANNESS TAL-PROTOKOLL NRU 1

Kodiċi NM[1]	Deskrizzjoni[2]	a	b	ċ	d	e
		Tnaqqis tad-dazju doganali MFN [3] %	Kwota tat-tariffi (t, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Tnaqqis tad-dazju doganali MFN iżjed mill kwota tat-tariffi kurrenti jew possibbli [(3)] %	Kwantità ta' referenza (t, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Dispożizzjonijiet speċifiċi
0105 12 00	Dundjani domestiċi ħajjin li jiżnu mhux iktar minn 185 g	100	116 000 biċċa	0		
0207 25 0207 27 10 0207 27 30/40/50/60/70	Dundjani, mhux imqattgħin bċejjeċ, iffriżati Qatgħat tad-dundjani dissussati, iffriżati Qatgħat tad-dundjani bl-għadam ġo fihom, iffriżati	100	1 400	0		
ex 0207 32 ex 0207 33 ex 0207 35 ex 0207 36	Laħam tal-papri u tal-wiżż, mhux imqatta' bċejjeċ, frisk jew imkessaħ Laħam tal-papri u tal-wiżż, mhux imqatta' bċejjeċ, iffriżat Laħam ieħor u internijiet li jittieklu tal-papri u tal-wiżż, friski jew imkessħin Laħam ieħor u internijiet li jittieklu tal-papri u tal-wiżż, iffriżati	100	500	0		
0207 34 10	Fwied grass tal-wiżż, frisk jew imkessaħ	100	-	0		
0404 10	Xorrox u xorrox modifikat, kemm jekk konċentrat kemm jekk le, jew li fih zokkor miżjud, jew materja oħra li żżid il-ħlewwa	100	800	0		
0407 00	Bajd ta' l-għasafar, fil-qoxra, frisk, ippriservat jew imsajjar	100	520 000 biċċa	0		
0601 0602	Basal tal-pjanti u bħalhom u pjanti ħajjin oħrajn	100	-	0		Suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1, punt 4.
0603 10	Fjuri maqtugħin u żahar tal-fjuri,	100	19 800	0		

Kodiċi NM[1]	Deskrizzjoni[2]	a	b	ċ	d	e
		Tnaqqis tad-dazju doganali MFN [3] %	Kwota tat-tariffi (t, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Tnaqqis tad-dazju doganali MFN iżjed mill kwota tat-tariffi kurrenti jew possibbli [(3)] %	Kwantità ta' referenza (t, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Dispożizzjonijiet speċifiċi
	friski					
0603 10 80	Fjuri friski maqtugħin u żahar oħrajn mill-1 ta' Novembru sal-15 ta' Aril	100	7 000	0		
0603 90 00	Fjuri maqtugħin u żahar tal-fjuri, imnixxfin, miżbugħin, ibbliċjati, mdakkrin jew ippreparati xort'oħra	100	100	0		
ex 0604 10 90 0604 91	Ħażiż jew likni li m'huwiex likena tar-renna, frisk Foljam, friegħi u partijiet oħrajn minn pjanti, mingħajr fjuri jew żahar tal-fjuri, u ħxejjex, friski	100	-	0		Suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1, punt 4
0604 99 90	Miżbugħin, ibbliċjati, mdakkrin jew foljam ippreparat xort'oħra, friegħi jew partijiet oħrajn minn pjanti, mingħajr fjuri jew żahar tal-fjuri, ħxejjex, għall-bukketti jew għal skopijiet ta' tiżjin (esklużi l-imnixxfin)	100	10	0		
ex 0701 90 50	L-ewwel ġbir tal-patata mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, friska jew imkessħa	100	30 000	0		
0701 90 50	L-ewwel ġbir tal-patata mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju, friska jew imkessħa	100	300	0		
0702 00 00	Tadam, frisk jew imkessaħ	100	9 000 għat-tadam żgħir li għandu togħma qawwija [4] + 1 000 għal oħrajn	0		
0703 90 00	Kurrat u ħaxix ta' ġens it-tewm, frisk jew imkessaħ	100	1 500	0		
0703 10 11 0703 10 19	Settijiet ta' basal, friski jew imkessħin, mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Mejju Basal ieħor, frisk jew imkessaħ, mill-	100	1 500	0		

Kodiċi NM[1]	Deskrizzjoni[2]	a	b	ċ	d	e
		Tnaqqis tad-dazju doganali MFN [3] %	Kwota tat-tariffi (t, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Tnaqqis tad-dazju doganali MFN iżjed mill kwota tat-tariffi kurrenti jew possibbli [(3)] %	Kwantità ta' referenza (t, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Dispożizzjonijiet speċifiċi
ex 0709 90 90	15 ta' Frar sal-15 ta' Mejju Basal mhux ikkultivat (*Muscari comosum*), frisk jew imkessaħ, mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Mejju					
ex 0704 90 90	Kaboċċa tixbah il-ħass, friska jew imkessħa, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu	100	1 250	0		
0705 11 00	Ħass ikkabuċċjat, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu	100	336	0		
ex 0706 10 00	Zunnarija, friska jew imkessħa, mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April	100	6 832	40		
0706 90 90	Pitravi ta' l-insalata friska jew imkessħa, leħjet il-bodbod, ravanell u egħruq bħalhom li jittieklu	100	2 000	0		
0709 30 00	Brunġiel, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' April	100	-	60	1 440	
ex 0709 40 00	Karfus (*Apium graveolens*, var. *dulce*), frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April	100	13 000	50		
0709 60 10	Bżar ħelu, frisk jew imkessaħ	100	15 400	40		
0709 90 60	Qamħ bil-qalba li fiha ħafna zokkor, frisk jew imkessaħ	100	1 500	0		
0709 90 70	Zukkini, friski jew imkessħin, mill-1 ta' Diċembru sa l-aħħar ta' Frar	100	-	60		Suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1, punt 4.
ex 0709 90 90	Ħxejjex oħra friski jew imkessħin, li m'humiex basal mhux ikkultivat (*Muscari comosum*)	100	2 000	0		
ex 0710 80 59	Frott tal-klassi *Capsicum*, mill-15 ta' Novembru sat-30 ta' April	100	-	30		Suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll

Kodiċi NM[1]	Deskrizzjoni[2]	a	b	ċ	d	e
		Tnaqqis tad-dazju doganali MFN [3] %	Kwota tat-tariffi (t, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Tnaqqis tad-dazju doganali MFN iżjed mill kwota tat-tariffi kurrenti jew possibbli [(3)] %	Kwantità ta' referenza (t, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						1, punt 4.
0711 90 50	Basal ippriservat b'mod provviżorju imma mhux tajjeb biex jittiekel immedjatament	100	300	0		
0712 90 30 2002 90 91 2002 90 99	Tadam imqadded, sħiħ, imqatta', imqatta' f'biċċiet, maqsum jew fi trab, imma mhux maħdum iktar Trab tat-tadam li fih kontenut ta' sustanza xotta ta' aktar minn 30% bil-piż, ippreparat jew ippriservat b'mezz li m'huwiex bill-ħall jew bl-aċidu aċetiku	100	700	0		
0712 90 50 0712 90 90 0910 40 19 0910 40 90 0910 91 90 0910 99 99	Zunnarija mnixxfa, sħiħa, mqatta', mqatta' f'biċċiet, maqsuma, jew fi trab, imma mhux maħduma iktar Ħxejjex oħra mnixxfin u taħlitiet ta' ħxejjex, sħaħ, mqatta', mqatta' f'biċċiet, maqsuma jew fi trab, imma mhux maħduma iktar Sagħtar mgħaffeġ jew miṫun Weraq tar-rand Taħlitiet ta' tipi differenti ta' ħwawar mgħaffġin jew miṫunin Ħwawar oħra mgħaffġin jew miṫunin	100	180	0		
0804 10 00	Tamal, frisk jew imqadded	100	-	0		Suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1, punt 4
0804 40 00	Avokado, friski jew imqaddin	100	-	80	37 200	
0804 50 00	Gwava, mangu u mangostana, friski jew imqaddin	100	-	40		Suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll

Kodiċi NM[1]	Deskrizzjoni[2]	a	b	ċ	d	e
		Tnaqqis tad-dazju doganali MFN [3] %	Kwota tat-tariffi (t, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Tnaqqis tad-dazju doganali MFN iżjed mill kwota tat-tariffi kurrenti jew possibbli [(3)] %	Kwantità ta' referenza (t, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						1, punt 4.
ex 0805 10	Lariną, frisk	100	200 000[5]	60		
ex 0805 20	Mandolina (inkluża s-satsuma), klementina, *wilkings* u ibridi taċ-ċitru bħalhom, friski	100	21 000	60		
ex 0805 20	Mandolina (inkluża s-satsuma), klementina, *wilkings* u ibridi taċ-ċitru bħalhom, friski mill-15 ta' Marzu sat-30 t' Settembru	100	14 000	60		
ex 0805 40 00	Grejpfrut, frisk	100	-	80		Suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1, punt 4.
ex 0805 50 10	Lumi, frisk	100	7 700	40		
ex 0805 50 90	Lajm, frisk	100	1 000	0		
ex 0805 90 00	*Kumquats*	100	-	0		Suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1, punt 4.
0806 10 10	Ġħeneb tal-mejda, frisk mill-15 ta' Mejju sa l-20 ta' Lulju	100	-	0		
0807 11 00	Dulliegħ, frisk mill-1 ta' April sal-15 ta' Ġunju	100	9 400	50		
0807 19 00	Bettieħ frisk ieħor (eskluż id-dulliegħ), mill-15 ta' Settembru sal-31 ta' Mejju	100	11 500	50		
0810 10 00	Frawli frisk, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu	100	2 600	60		
0810 50 00	Kiwi, frisk, mill 1 ta' Jannar sat-30 ta' April	100	-	0	240	

Kodiċi NM[1]	Deskrizzjoni[2]	a	b	ċ	d	e
		Tnaqqis tad-dazju doganali MFN [3] %	Kwota tat-tariffi (t, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Tnaqqis tad-dazju doganali MFN iżjed mill kwota tat-tariffi kurrenti jew possibbli [(3)] %	Kwantità ta' referenza (t, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Dispożizzjonijiet speċifiċi
0810 90 95	Frott frisk ieħor	100	500	0		
ex 0810 90 95	Rummien, frisk Kâki, frisk, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Lulju	100	-	0		Suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1, punt 4.
ex 0811 90 19 ex 0811 90 39	Flieli mill-grejpfrut, iffriżati	80	-	0		
ex 0811 90 95	Tamal iffriżati	100	-	0		Suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1, punt 4.
ex 0811 90 95	Flieli mill-grejpfrut, iffriżati	100	-	80		Suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1, punt 4.
ex 0812 90 20	Lariġ, maqsum f'biċċiet żgħar, ippriservat b'mod provviżorju, imma mhux adattat biex jittiekel immedjatament f'dak l-istat	100	10 000	80		
ex 0812 90 99	Frott taċ-ċitru ieħor, maqsum f'biċċiet żgħar, ippriservat b'mod provviżorju, imma mhux adattat biex jittiekel immedjatament f'dak l-istat	100	-	80	1 320	
0904 12 00	Bżar, mgħaffeġ jew miṫun	100	-	80		Suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1, punt 4.
0904 20 10	Bżar ħelu, mhux mgħaffeġ u lanqas miṫun	100	-	0		Suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1, punt 4.

Kodiċi NM[1]	Deskrizzjoni[2]	a	b	ċ	d	e
		Tnaqqis tad-dazju doganali MFN [3] %	Kwota tat-tariffi (t, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Tnaqqis tad-dazju doganali MFN iżjed mill kwota tat-tariffi kurrenti jew possibbli [(3)] %	Kwantità ta' referenza (t, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Dispożizzjonijiet speċifiċi
0904 20 30 0904 20 90	Frott ieħor tal-klassi *Capsicum* jew tal-klassi *Pimenta*, mhux mgħaffeġ u lanqas mitħun, mill-15 ta' Novembru sat-30 ta' April Frott tal-klassi *Capsicum* jew tal-klassi *Pimenta*, mgħaffeġ jew mitħun	100	-	30		Suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1, punt 4.
0910 40 13	Sagħtar, mhux mgħaffeġ u lanqas mitħun (eskluż is-sagħtar salvaġġ)	100	200	0		
1302 20	Sustanzi mill-pektin, *pectinates* u *pectates*	100		25		Suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1, punt 4.
1602 31	Laħam maħdum jew ippriservat jew laħam ġewwieni tad-dundjani	100	2 250	0		
2001 10 00	Ħjar u ħjar żgħar maħdumin jew ippriservati bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku	100	200	0		
2001 90 20	Frott tal-klassi *Capsicum* li m'huwiex bżar ħelu jew bżar tal-Ġamajka, mill-15 ta' Novembru sat-30 ta' April	100	-	30		Suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1, punt 4.
ex 2001 90 93 ex 2001 90 99	Basal żgħir b'dijametru ekwatorjali ta' inqas minn 30 mm u okra, maħdum jew ippriservat bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku	100	-	0		Suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1, punt 4.
